MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2014

Appell Civili Numru. 1076/1995/1

**Mario Azzopardi**

**v.**

**Andrew Bird u b'digriet tal-15 ta' Jannar, 1997 l-Avukat Dottor Joseph Mario Sammut u l-Prokuratur Legali Joanna Dingli gew nominati Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Andrew Bird; u b'digriet tas-7 ta' Lulju 1998, l-Avukat Dottor Louis Bianchi ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta assikuratrici Gasan Insurance Agency Limited u din in rapprezentanza tas-socjeta` estera General Accident Fire & Life Assurance Corporation p.l.c assuma l-atti tal-kawza minflok il-Kuraturi Deputati mahtura**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata mill-attur Mario Azzopardi fl-14 ta' Awwissu 1995 li taqra hekk:

"Peress li fis-6 ta' Awwissu 1995 fl-St. Thomas Bay Road, Zejtun, l-attur kien involut f'incident awtomobilistiku meta hu kien qieghed isuq Morris Marina numru tar-registrazzjoni R-6895 mentri l-konvenut kien qieghed isuq il-Ford Transit Van R-9171;

"Peress li f'dan l-incident l-attur sofra feriti gravi f'idejh il-leminija, liema feriti kkawzaw b'certezza debilita` fizika permanenti;

"Peress li minhabba din id-debilita` fizika permanenti l-attur sofra, qieghed isofri u ser ikompli jsofri danni konsistenti f'infieq ta' kura u telf ta' qliegh kemm prezent kif ukoll futur;

"Peress li l-incident awtomobilistiku okkorra minhabba htija esklussiva u unika tal-konvenut peress li kien qieghed isuq il-vettura fuq imsemmija b'negligenza, traskuragni u nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti tat-traffiku;

"Ghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

"1. tiddikjara lill-konvenut unikament u esklussivament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku fuq imsemmi;

"2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur kif spjegat okkorrendo b'opera ta' periti nominandi; u

"3. tikkundannah ihallas id-danni hekk likwidati.

"Bl-ispejjez u bil-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Dr. Joseph Mario Sammut noe u tal-P.L Joana Dingli noe li in forza taghha eccepew:

"1. Illi huma m'humiex edotti mill-fatti u jirrizervaw li jecepixxu ulterjorment eccezzjonijiet ohra.

"2. Illi huma jitolbu lill-attur jghidilhom il-post fejn jistghu jikkomunikaw mal-konvenuti."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Avukat Dottor Louis Bianchi ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta Gasan Insurance Agency Limited u din bhala rapprezentattrici tas-socjeta` estera General Accident Fire & Life Assurance Corporation p.l.c li qed jassumi l-atti minflok Andrew Bird li in forza taghha eccepixxa:

"1. Illi l-incident tat-traffiku meritu ta' din il-kawza ma garax tort u htija ta' Andrew Bird, izda gara unikament tort u htija ta' Mario Azzopardi li waqt li huwa kien qed isuq il-vettura R-6895 mar fuq in-naha hazina tat-triq u habat mal-vettura ta' Andrew Bird li dak il-hin kien qed isuq il-vettura numru R-9171 b'mod regolari. L-ispot of impact fuq l-iskizz tal-Pulizija (Dok A) juri bl-aktar mod car illi din il-habta grat fuq in-naha tat-triq ta' Andrew Bird.

"2. Illi stante li dan l-incident ma garax tort u htija ta' Andrew Bird, l-ebda ammont ta' huwa dovut lill-attur in linea ta' danni risultanti minn dan l-incident.

"3. Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fil-15 ta' Lulju 2010 li permezz taghha sabet li l-partijiet jahtu indaqs ghall-incident inkwistjoni u cahdet it-talbiet l-ohra attrici peress illi ma intweriex kif mehtieg li l-attur tassew garrab id-danni reklamati u billi l-konvenut ma ghandux jaghmel tajjeb ghad-danni imgarrba mill-attur; ordnat ukoll li l-ispejjez jigu mhallsa kwantu ghal tliet kwarti ($^{3}/_{4}$) mill-attur u kwart ($^{1}/_{4}$) mill-konvenut;

L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi din hija azzjoni ta' danni minn ħabta bejn żewġ vetturi u li fiha wieħed mis-sewwieqa jgħid li ġarrab ġrieħi li ma jfiqux minħabba dik il-ħabta. Minħabba dawk il-ġrieħi, l-attur jgħid li ma setax jibqa' jaħdem is-sengħa tiegħu ta' tellar (*panel beater*) u qiegħed ifittex lill-imħarrek għad-danni minħabba li jgħid li l-ħabta seħħet bi ħtija biss ta' dan;

"Illi l-imħarrek – li xi żmien wara l-inċident ħalla Malta u mar jgħix barra – jiċħad li hu kien b'xi mod jaħti għall-ħabta u jisħaq li kien l-attur innifsu li kien qiegħed isuq fuq in-naħa l-ħażina tat-triq u li jekk minħabba f'hekk ġarrab xi danni ma kellux jeħel bihom hu;

"Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li fis-6 ta' Awissu, 1995, għall-ħabta tal-għaxra neqsin kwart ta' filgħaxija, l-attur kien qed isuq vettura tal-għamla *Morris Marina* reġistrata R-6895 sejjer fid-direzzjoni ta' Wied il-Għajn. Miegħu kellu rekbin lil martu Teresa u wliedhom. Dak iż-żmien, l-attur kien jgħix f'Ħal Għaxaq. L-imħarrek kien qed isuq vettura (vann) tal-għamla *Ford Transit* reġistrat R-9171, li kien vann tal-kumpannija li kien jaħdem magħha, sejjer lejn iż-Żejtun. Miegħu kellu riekba lil għarustu Debbie. Dak iż-żmien, l-imħarrek kien jgħix f'Wied il-Għajn. Meta ż-żewġ vetturi kienu fi Triq id-Daħla ta' San Tumas, mhux bogħod minn Torri Mamo, bejn Wied il-Għajn u ż-Żejtun (qrib fejn dik it-triq tiltaqa' ma' Triq Wied iz-Ziju, u li llum iġġib l-isem ta' Triq ta' Rumi[1]), seħħet il-ħabta bejn iż-żewġ vetturi, bil-ħsara tkun fuq in-naħa tal-lemin ta' kull waħda minnhom;

"Illi mal-ħabta, ż-żewġ vetturi ħakkew ma' xulxin u drigħ il-lemini tal-attur inħakem mill-vann misjuq mill-imħarrek u l-attur ġarrab ksur fih u żlugar tal-minkeb. L-attur dak iż-żmien kien jaħdem bħala tellar (*panel beater*). Minħabba l-ġrieħi mġarrba, saret operazzjoni fuq l-attur l-għada tal-inċident u baqa' ma reġax ħadem aktar ta' tellar minħabba

[1] Relazzjoni tal-Perit Tekniku, f'paġ. 61 tal-proċess

l-uġigħ qawwi li jgħid li kien iħoss u għaliex xi swaba' ta' idu l-leminija jittarrxu meta jaqbad l-għodda b'idejh;

"Illi l-kawża nfetħet tnax-il jum wara l-ħabta;

"Illi madwar tliet snin wara li kienet saret l-ewwel operazzjoni, b'intervent kirurġiku ieħor fuq l-attur, kienu tneħħew il-*pins* tal-metall li tqiegħdu matul driegħu[2], iżda l-attur baqa' ma reġax ħadem aktar u ħareġ Bord. Dak inhar tal-inċident, l-attur kellu tmienja u tletin (38) sena;

"Illi l-ewwel <u>konsiderazzjoni ta' natura legali</u> li jeħtieġ li ssir f'din il-kawża hija dik dwar **min jaħti għall-ħabta**. Mill-provi mressqa jirriżulta ċar li l-ħabta seħħet meta l-vetturi taż-żewġ partijiet kienu qegħdin jinsaqu f'direzzjoni opposta għal xulxin. F'dik il-parti tat-triq, il-wisgħa jidjieq billi ħajt ta' għalqa kien joħroġ 'il barra sal-parti karreġġabbli fuq in-naħa li kien qed isuq fiha l-attur. Il-bixra tat-triq ukoll kienet xi ftit irregolari[3], u dan billi (minbarra fejn kien jisporġi l-bini fuq imsemmi) f'kull ġenb tat-triq kien hemm strixxa m'eħxen metru w għoxrin ċentimetru li ma kinitx asfaltata. Dak il-ħin kien laħaq dalam u ma jidhirx li t-triq kella mixegħla bi dwal artifiċjali[4]. Ma jidhirx lanqas li kien hemm marki matul it-triq li jifirdu karreġġata minn oħra[5];

"Illi l-attur u martu jisħqu li l-imħarrek kien qed isuq b'veloċita' qawwija[6] u b'fanal wieħed biss jixgħel (dak tan-naħa tax-xellug tal-vann)[7]. Min-naħa tiegħu, l-imħarrek jgħid[8] li l-attur kien qed isuq fuq in-naħa l-ħażina tat-triq u bla dawl għajr għas-*side lamps*[9]. Iż-żewġ partijiet imieru lil xulxin fuq dawn il-fatti: l-attur jgħid li kien qed isuq "normali" għan-niżla għaliex kellu l-mara u t-tfal rekbin miegħu, filwaqt li martu tgħid li d-dawl tal-vettura li kienet riekba fiha ntefa' wara l-ħabta minn wieħed Ivan Camilleri. L-imħarrek jisħaq li hu kien qed isuq bil-mod u li deherlu li

[2] Dok f'paġ. 115 – 6 tal-proċess
[3] Rapport tal-Perit Tekniku, f'paġ. 61 – 2 tal-proċess
[4] *Ibid.*, f'paġ. 62 tal-proċess
[5] Dawn saru matul iż-żmien li kienu qegħdin jinġabru l-provi f'din il-kawża, ara d-Dokti "AA1" u "AA2" u r-rapport addizzjonali, f'paġġ. 120A u 125A tal-proċess rispettivament
[6] Xhieda tal-attur 30.4.1999, f'paġ. 138 tal-proċess
[7] Affidavit ta' Teresa Azzopardi 30.12.2001, f'paġ. 51 tal-proċess
[8] Ara d-dikjarazzjoni tiegħu Dok "B", f'paġġ. 33 – 4 tal-proċess
[9] Ara wkoll ix-xhieda ta' Debbie Bird 26.10.2001, f'paġ. 96 tal-proċess

l-attur kien distratt jitkellem mal-passiġġier tiegħu li kienet fuq quddiem; u żied ifisser ukoll li l-fanal ta’ quddiem tan-naħa tal-lemin tal-vann inqata’ mad-daqqa[10];

“Illi fid-dawl ta’ dawn il-verżjonijiet li ma jaqblux, il-Qorti temmen li trid tislet provi minn għejjun oħra li jinsabu fl-atti tal-kawża u li wieħed jista’ jorbothom ma’ xhieda li jista’ joqgħod fuqha ħalli jara kif seħħet tassew il-ħabta u x’kien ċ-ċirkostanzi li nisslu l-effetti tagħha;

“Illi l-fatt li l-verżjonijiet taż-żewġ partijiet ma jkunx jaqblu, ma jfissirx li l-Qorti ma tistax tasal għall-fehma tagħha dwar id-dinamika tal-ħabta u lanqas ma jwassalha biex tiskarta għal kollox kull waħda mill-verżjonijiet. Dan ukoll għaliex fejn it-tort ta’ ħabta ma jkunx jista’ jiġi determinat b’ċertezza, tibqa’ tgħodd ir-regola prattika tal-bon sens li l-ħtija tinqasam indaqs bejn iż-żewġ partijiet[11];

“Illi f’dan il-każ jidher siewi ħafna li wieħed jistabilixxi kemm jista’ jkun sewwa fejn kienu jinsabu ż-żewġ vetturi meta tħaxknu ma’ xulxin fil-ħabta. Il-Qorti tistqarr li din mhux biċċa xogħol ħafifa għaliex, minbarra x-xejra irregolari tat-triq kif kienet dak inhar li seħħet il-ħabta, iż-żewġ vetturi ma waqfux fejn ħabtu. Il-punt fejn seħħet il-ħabta kien ukoll il-qofol tal-kwestjoni bejn il-partijiet u li dwaru baqa’ ma ntlaħaq l-ebda qbil lanqas mal-kumpanniji assikuratriċi taż-żewġ sewwieqa. Jidher li lanqas is-sejbiet tal-esperti tekniċi maħtura mill-Qorti għal darba tnejn ma ikkwetaw lill-partijiet dwar dan il-fatt u, meta b’xi mod, ġew stabiliti kejl u qisien, bdew l-argumenti dwar il-ġnub mhux karreġġabbli tat-triq;

“Illi mill-provi ħareġ ukoll li, dak inhar li seħħet il-ħabta, l-vettura misjuqa mill-attur ma kenitx koperta b’polza ta’ assikurazzjoni[12]. Għalkemm dan il-fatt jikkostitwixxi ksur ta’ liġi u jista’ jnissel responsabbilta’ kontrattwali ma’ assikuratur[13], ma jfissirx li b’daqshekk biss, l-attur għandu jitgħabba bil-ħtija waħdiena tal-ħabta. Huwa aċċettat li l-

[10] Xhieda tiegħu 26.10.2001, f’paġ. 81, 83 u 88 tal-proċess
[11] App. Ċiv. **20.1.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Galdes vs Micallef*** Kollez. Vol: **XLVIII.i.59)** u App. Inf. **22.11.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Elmo Insurance Agency Limited et vs Carmel Vella Clark***
[12] Dok “A”, f’paġ. 4 tal-proċess
[13] P.A. PS **16.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Moby Rentals Ltd vs Marthese Attard***

fatt li sewwieq ikun kiser xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-liġi marbuta ma' sewqan ta' vetturi bil-mutur, ma jġibx għal daqshekk biss il-ħtija kollha tal-ħabta li fiha jkun involut, għaliex biex wieħed jista' jgħid li sewwieq jaħti għal ħabta minħabba sewqan traskurat jew negliġenti, jrid jintwera li kien tassew negliġenti jew traskurat. Il-ksur ta' regolament tat-triq ma jissarrafx fi prova konklussiva ta' negliġenza jew għar-responsabbilta' tal-ħabta, sakemm ma jintweriex li dak il-ksur kien il-kawża prossima tal-ħabta[14]. Fil-fehma tal-Qorti, fil-każ tal-attur, din iċ-ċirkostanza tan-nuqqas ta' kopertura b'polza ta' asikurazzjoni biex il-karozza misjuqa minnu tkun fuq it-triq kienet ċirkostanza għal kollox newtrali għall-ħabta bejn il-karozza tiegħu u dik misjuqa mill-imħarrek, u għalhekk m'hix determinanti għas-sejbien ta' ħtija tal-attur għall-istess ħabta f'kawża ta' indoli ċivili bħal din tal-lum, għalkemm kien ikun diskors ieħor f'qorti ta' kompetenza oħra[15];

"Illi l-imħarrek allega wkoll li l-attur kien qed isuq bla dwal jew bi dwal baxxi tal-lampi tal-ġenb biss. L-attur jiċħad dan, u martu tistqarr li d-dwal intfew wara l-ħabta minn wieħed ħabib tagħhom li waqaf biex jagħtihom daqqa t'id. Il-Qorti hija tal-fehma li din iċ-ċirkostanza m'hijiex waħda determinanti għas-sejba tar-responsabbilta' tal-ħabta mertu tal-każ. L-eżistenza ta' dwal baxxi m'hijiex raġuni li titfa' responsabbilta' b'mod assolut fuq is-sewwieq. Dan jingħad għaliex lanqas in-nuqqas ta' dawl fil-vettura misjuqa ma huwa indizju ta' ħtija jekk kemm-il darba s-sewwieq l-ieħor involut fil-ħabta seta' jintebah bil-preżenza tal-vettura f'ħin xieraq qabel ma tkun seħħet il-ħabta[16]. Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti llum, l-imħarrek u l-għarusa tiegħu jgħidu t-tnejn kategorikament li l-vettura misjuqa mill-attur rawha ġejja lejhom minn qabel u kellhom ħin biex ukoll jaraw li kienet sejra tibqa' dieħla fuq il-vann misjuq mill-imħarrek. L-istess jista' jingħad dwar in-nuqqas ta' dawl fil-vann tal-imħarrek. Il-Qorti tasal biex toqgħod fuq il-verżjoni tal-imħarrek li l-lampa tal-fanal tan-naħa tal-lemin tal-vann tiegħu inqatgħet malli ż-żewġ vetturi ħakkew ma' xulxin;

---

14 App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Caruana vs Anthony Falzon*** (mhix pubblikata)
15 App. Ċiv. **15.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Micallef StJohn et vs Richard Spiteri et***
16 App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***George Scicluna et vs Victor Ċini***

"Illi d-difiża mressqa mill-imħarrek kontra x-xilja tal-attur hi li kien l-attur innifsu li kien qed isuq fuq in-naħa ħażina tat-triq. Dan baqa' jtennih ukoll permezz tal-għaref difensur tiegħu waqt it-trattazzjoni tal-għeluq. Mill-provi mressqa fl-atti, joħroġ li l-post fejn iż-żewġ vetturi ħabtu ma' xulxin kien ftit lil hinn min-nofs it-triq, għal ġol-korsija okkupata mill-imħarrek, li wieħed kellu joqgħod fuq il-kejl indikat b'ċerta preċiżjoni fl-iskizz redatt mill-uffiċjal tal-pulizija li ntbagħat fuq il-post dak inhar tal-ħabta[17]. Jidher li lanqas iż-żewġ partijiet ma jikkustinjaw il-fatt ta' fejn seħħet il-ħabta[18]. Id-diffikulta' nqalgħet minħabba l-bixra irregolari tat-triq u l-allegazzjoni li l-kejl imsemmi fl-iskizz kien jintrabat ma' ħitan fil-ġenb tagħha meta l-parti asfaltata tal-istess triq ma' kenitx tasal sal-imsemmija ħitan. Skond l-attur, dan ifisser li l-kejl kif imsemmi jiżnatura għal kollox il-pożizzjoni tal-partijiet involuti fil-ħabta. Kemm hu hekk, kien għalhekk li l-Qorti ħatret perit tekniku għal darba darbtejn biex jistabilixxi safejn jista' kif kienet il-qagħda. U l-istess perit ikkostata li l-iskizz magħmul mill-uffiċjal tal-Pulizija dak inhar tal-ħabta kien juri li dik il-parti tat-triq fejn seħħet il-ħabta kienet dritta, meta fil-fatt kienet isserrep b'liwjiet fuq naħa u oħra;

"Illi huwa aċċettat li meta wieħed jitkellem dwar karreġġata ta' triq, wieħed ikun qiegħed jirreferi għal dik il-parti tat-triq li tkun asfaltata u li fuqha wieħed imissu jsuq[19]. Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti llum, jidher li dak inhar tal-ħabta, t-triq ma kinitx kollha asfaltata b'mod regolari[20], b'bosta xogħol ta' traqqigħ jew kisi fuq kisi: iżda qajla jista' jingħad li fejn ma hemmx kisi kollu l-istess, b'daqshekk il-partijiet miksijin anqas ma kinux ukoll karreġġabbli[21]. Fis-sewwa, jidher li kif tajjeb ikkostata l-perit tekniku, l-kwestjoni hi li, f'dik il-parti tat-triq fejn seħħet il-ħabta u fejn it-triq kienet tidjaq (minbarra li kellha liwja ħafifa), is-sewwieqa kellhom iżjed it-tendenza li, biex jaqtgħu għad-dritt, iżommu lejn in-nofs tat-triq[22]. Din il-fehma tiegħu l-

[17] Ara l-iskizz f'paġ. 6 tal-proċess
[18] Ara kontro-eżami tal-imħarrek f'paġġ. 91 – 2 tal-proċess
[19] P.A. NC **8.10.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Middlesea Insurance Co Ltd et vs Stuart Psaila***
[20] Ara r-ritratti f'paġġ. 65 – 8 tal-proċess
[21] Xhieda ta' A.I.Ċ. Godwin Abela 25.2.2002, f'paġ. 158 tal-proċess
[22] Ara konklużjoni "1" tar-rapport peritali, f'paġ. 62 tal-proċess

perit tekniku baqa' jtenniha kemm fid-dawl tar-riżultanzi tar-rapport addizzjonali tiegħu[23] u kif ukoll meta tressaq b'xhud in eskussjoni[24];

"Illi wara li l-Qorti fliet għal aktar minn darba l-provi dokumentali kollha, ix-xhieda bil-fomm tal-partijiet u l-fehmiet tekniċi tal-periti ġudizzjarji, waslet għall-fehma li, x'ħin seħħet il-ħabta, l-attur kien qaleb nofs it-triq kemm kemm lejn il-korsija tal-imħarrek (*crown of the road*), filwaqt li l-imħarrek, għalkemm fil-korsija tiegħu, kien qed isuq b'mod li ma kienx qiegħed isegwi għal kollox dak li kien qed iseħħ madwaru, tant li baqa' jsuq għal xi distanza qabel ma ntebaħ li kien ħabat;

"Illi kieku l-ġabra ta' fatti riżultanti kienet tieqaf sa hawnhekk, il-Qorti kienet tasal għall-fehma li ż-żewġ partijiet għandhom ħtija fi grad indaqs għall-ħabta li seħħet bejn il-vetturi misjuqa minnhom;

"Illi, madankollu, fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha hemm ċirkostanza oħra li l-Qorti tqisha bħala rilevanti ħafna, l-iżjed għal dak li jirrigwarda t-talba tal-attur għall-kumpens minħabba l-ġrieħi li jgħid li ġarrab. Jirriżulta li hu u jsuq, l-attur kien qiegħed bi driegħu l-lemini mixruf 'il barra fuq il-bieba tal-karozza[25], bil-ħġieġa mniżżla[26]. Il-ġrieħi li ġarrab l-attur kienu fil-biċċa l-kbira minnhom fuq il-parti ta' fuq tad-drigħ lemini tiegħu, 'il fuq mill-minkeb[27];

"Illi l-fatt li sewwieq isuq bil-ħġieġa mniżżla ma fih xejn ħażin, imma li jqiegħed driegħu sporġut 'il barra mill-qafas tal-karozza li jkun qiegħed isuq m'hijiex ħaġa li jmissha ssir u hija prattika li r-Regolamenti tat-Triq jipprojbixxu, ħlief f'ċirkostanzi partikolari u eċċezzjonali[28]. Dik l-imġiba tqiegħed lis-sewwieq f'riskju għal xejn f'każ li sseħħ ħabta, għaliex il-qafas protettiv tal-karozza (għalkemm dan ukoll illum il-ġurnata mhux tabilfors huwa garanzija kontra l-korriment) ikun inġab fix-xejn. Il-Qorti tasal biex tgħid li

[23] F'paġġ. 124 – 125A tal-proċess
[24] Ara x-xhieda tiegħu 24.5.2002, f'paġġ. 129 – 130 tal-proċess
[25] Affidavit ta' Theresa Azzopardi, f'paġ. 51 tal-proċess
[26] Xhieda tal-attur 30.4.1999, f'paġ. 139 tal-proċess
[27] Rapport mediku f'paġġ. 146 – 8 tal-proċess
[28] Ara, per eżempju, reg. 75 u reg. 85 tal-A.L. 128/94 (L.S. 65.11)

drigħ maħruġ ’il barra minn karozza misjuqa huwa fattur ta’ kontributorjeta’ tal-ħsara li wieħed iġarrab f’ħabta, fejn jirrigwarda l-ġrieħi mġarrba. Kemm hu hekk, jidher li drigħ l-attur inħakem mill-mera tal-ġenb lemini tal-vann misjuq mill-imħarrek u nseħaq meta ż-żewġ vetturi kienu tassew qrib xulxin. L-attur innifsu jagħti verżjoni grafika ta’ kif driegħu kien mgħolli ’l fuq u kif inħakem mill-vettura tal-imħarrek, bla ma jissemma li saret l-ebda ħsara fiż-żewġ vetturi[29];

“Illi, fil-każ li għandha quddiemha llum, il-Qorti hija konvinta li kieku l-attur kien qed isuq bi driegħu fejn messha kienet, ma kien iġarrab l-ebda ġrieħi fil-persuna tiegħu, għaliex l-impatt bejn iż-żewġ vetturi kien wieħed ħafif bi żbrixx, jekk tassew jista’ jingħad li kien hemm impatt. L-attur innifsu jgħid[30] li l-karozza tiegħu ma ġarrbet l-ebda ħsara fil-ħabta li ġrat. Dan iwassal lill-Qorti biex tqis li, kieku ma kienx għall-fatt li driegħu l-lemini kien mixruf ’il barra mill-karozza, kieku ma kien iġarrab l-ebda ġrieħi. F’dak il-ħin, l-attur ma weriex li kien hemm xi ċirkostanza minn fost dawk permessi mil-liġi li kienet titlob li driegħu jkun qiegħed ’il barra mill-karozza misjuqa minnu;

“Illi l-Qorti tqis li din hija ċirkostanza li tixhed kontributorjeta’ imprudenti jekk mhux ukoll negliġenti min-naħa tal-attur għall-ġrieħi li ġarrab[31]. Fil-fehma tal-Qorti wkoll hija kontributorjeta’ li hija tant determinanti li, meqjusa ċ-ċirkostanza ta’ fejn kienet il-vettura misjuqa minnu dak il-ħin, ixxejjen kull responsabbilta’ tal-imħarrek għal dak li ġarrab l-attur. Din il-fehma tissaħħaħ mill-apprezzament tal-provi li joħorġu mill-atti nfushom tal-kawża;

“Illi l-prinċipju tal-liġi jrid li kulħadd iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu[32]. Iżda huwa wkoll miżmum u aċċettat li jrid jintwera li, minbarra s-sejbien tal-ħtija, jeħtieġ li jkun stabilit ukoll li kienet dik il-ħtija li ikkaġunat id-dannu attwalment imġarrab[33]. Fuq kollox, il-liġi trid ukoll li fejn il-

---

[29] Xhieda tiegħu f’paġ. 139 tal-proċess
[30] *Ibid.*
[31] App. Ċiv. **19.2.1962** fil-kawża fl-ismijiet ***Sacco et vs Bonniċi*** (Kollez. Vol: **XLVI.i.79**
[32] Art. 1031 tal-Kap 16
[33] P.A. TM **30.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***David Gatt vs Peter Calleja*** (mhix pubblikata)

parti li tkun ġarrbet il-ħsara tkun hija stess li ikkontribwiet għad-danni b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb tkun tat sehem jew okkażjoni għal dik il-ħsara, il-Qorti hija mogħtija d-diskrezzjoni li tqis f'liema grad tkun hekk ikkontribwiet jew tkun tat okkażjoni għall-ħsara li batiet[34]. Dan iġib miegħu wkoll tnaqqis proporzjonali fil-kumpens li jkun mod ieħor dovut lill-persuna li tkun tat hija nnifisha r-raġuni għal dak li ġralha. Mill-mod kif inhi l-liġi llum fis-seħħ f'dan ir-rigward, m'hemm l-ebda regola fissa jew determinanti li tgħid kemm għandu jkun dak il-proporzjon jew frazzjoni oħra[35], u dan għaliex id-diskrezzjoni li hija mħollija f'idejn il-Qorti għandha tinbena fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u l-provi riżultanti. Jista' għalhekk ikun li l-kontributorjeta' għall-ħsara tkun tali li tkun għal kollox determinanti bħala kawża u effett u b'hekk tneħħi kull rabta ta' ħtija minn fuq il-persuna li setgħet ikkawżat dik il-ħsara[36]. Kif ingħad qabel, din hija sewwasew il-fehma tal-Qorti fiċ-ċirkostanzi riżultanti f'din il-kawża;

"Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi, l-Qorti tasal għall-fehma li filwaqt li ż-żewġ partijiet jista' jitqies li kienu jaħtu ndaqs għall-ħabta li seħħet bejn il-karozzi misjuqin minnhom, iżda l-attur waħdu jaħti għall-ġrieħi li ġarrab u dan minħabba traskuraġni u kontributorjeta' min-naħa tiegħu innifsu;

"Illi għal dak li jirrigwarda l-**likwidazzjoni tad-danni mġarrba**, l-Qorti tinnota minnufih li l-attur qatt ma ressaq l-iċken prova dwar il-pretensjonijiet tiegħu f'dan ir-rigward. Kulma għamel, tul iż-żmien li kienu qegħdin jinġabru l-provi, kien li ressaq b'xhud il-kirurgu ortopediku *ex parte* u dan ikkonferma r-rapport mediku li kien ħariġlu tliet snin wara li bdiet il-kawża. B'mod partikolari, l-attur ma ressaq l-ebda provi dwar ħsara mġarrba fil-karozza. Lanqas ressaq provi li s-soltu jitressqu minn min tassew jinteressah dwar it-telf ta' qligħ futur. Kulma sar kien li, waqt it-trattazzjoni tal-għeluq, l-għaref difensur tiegħu allega li, sakemm baqa' jaħdem qabel l-inċident, l-attur kien jaqla' mal-mija u ħamsa u għoxrin lira Maltin fil-

---

[34] Art. 1051 tal-Kap 16
[35] App. Ċiv. **20.1.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Galdes vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.59**)
[36] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Fenech vs Rook Construction Ltd et***

ġimgħa[37], u li dan id-dħul kollu ntemm sa minn dak inhar tal-ħabta. Tant hu hekk li l-attur jgħid li huwa baqa' ma jista' jagħmel l-ebda xogħol u li kien "għadda bord";

"Illi, dwar dan il-punt, il-Qorti tagħmilha ċara li l-ebda sottomissjoni finali ma tikkostitwixxi prova u, aktar u aktar f'każ bħal dan, fejn il-proċess tal-ġbir tal-provi dam sejjer medda ta' snin ma jistax jingħad li l-attur inżamm milli jressaq il-provi li kien jidhirlu xierqa u meħtieġa;

"Illi, minbarra dan, fid-dawl tal-fehmiet li waslet għalihom il-Qorti dwar il-kwestjoni tar-responsabbilta', il-kwestjoni tal-likwidazzjoni tad-danni mitluba mill-attur tillimita ruħha għall-kumpens tal-ħsara fil-vettura misjuqa minnu. Apparti li dwar dan l-attur ma ressaq lanqas l-iċken prova jew pretensjoni, f'parti mix-xhieda tiegħu fi stadju bikri tal-kawża kien xehed li l-karozza tiegħu ma ġarrbet l-ebda ħsara. Ladarba l-Qorti waslet għall-fehma li l-ġrieħi li ġarrab l-attur ġraw bi ħtija u kontributorjeta' tiegħu, jiġi li l-imħarrek m'għandux għalfejn iwieġeb għal dan u l-Qorti m'għandhiex għalfejn tqis aktar il-kwestjoni ta' kumpens għal telf attwali u telf ta' qligħ għall-ġejjieni dwar il-ġrieħi mġarrbin mill-attur;"

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur Mario Azzopardi li in forza tieghu ghar-ragunijiet minnu premessi talab li din il-Qorti joghgobha:

"… … tilqa' dan l-appell b'dana illi jew [i] kompletament thassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili datata 15 ta' Lulju 2010, fl-ismijiet premessi u, b'akkoljiment tal-ewwel u tat-tielet aggravji, tghaddi biex tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet kollha attrici, bl-ispejjez tal-proceduri ntieri sopportabbli mill-konvenut appellat; jew alternattivament; [ii] b'akkoljiment tat-tieni u tat-tielet aggravji, tghaddi biex tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili datata l-15 ta' Lulju 2010, fl-ismijiet premessi f'dik il-parti sabet htija assoluta fl-attur appellant u minflok tikkomputa d-danni fid-dawl fejn il-htija giet apporzjonata

[37] Li jġibu € 291.17 fi flus tal-lum

ugwalment, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri a karigu tal-appellat."

Rat ir-risposta tal-appell tal-konvenut appellat li permezz tieghu wara illi irrespinga l-aggravji tal-attur appellant fir-rigward tas-sentenza imsemmija ppropona appell incidentali fejn talab li din il-Qorti ssib lill-attur responsabbli wahdu ghall-incident inkwistjoni

Rat ir-risposta tal-appellant illi permezz tieghu rrespinga t-talbiet kontenuti fir-risposta tal-appellat;

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Dicembru 2013 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell billi irrimettew ruhhom ghall-atti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;
Ikkunsidrat:

**Aggravji tal-Atturi**

Kif inghad, l-appellant qed jappella mis-sentenza sija ghaliex qed isostni li ghandu jkun l-appellat li jigi ritenut responsabbli ghall-incident inkwistjoni u wkoll ghaliex isostni li anke jekk is-sentenza tigi konfermata ghal dik li hija htija, huwa ghandu jigi akkordat il-hlas ta' danni da parti tal-konvenut appellat.

Peress li l-konvenut qed jipproponi appell incidentali u l-ezitu tieghu jista' jincidi fuq l-ewwel talba tal-appellant il-Qorti se tidhol fil-mertu dwar il-htija tal-incident ghaliex huwa evidenti li jekk jigi milqugh l-appell incidentali t-talba tal-appellant li jigi moghti d-danni tigi superfluwa u ma jkunx hemm lok ta' deliberazzjoni dwarha.

**L-ewwel aggravju** tal-appellant huwa kif inghad illi huwa qed isostni li l-konvenut appellat ghandu jkun ritenut responsabbli ghall-incident inkwistjoni; l-appellat da parti tieghu qed jitlob li din il-Qorti tirrevoka anke din il-parti tas-

sentenza u tiddikjara l-appellant responsabbli ghall-incident inkwistjoni.

L-ewwel Qorti ddikjarat lill-partijiet ko-responsabbli f'sehem indaqs ghall-incident ghaliex fil-fehema taghha filwaqt li l-attur kien qaleb 'kemm kemm' lejn il-korsija tal-konvenut, dan tal-ahhar kien qed isuq b'mod li ma kienx qed isegwi dak li kien qed isehh madwaru. L-appellant jghid fir-rikors tieghu illi l-fatt li huwa kien isuq lejn nofs tat-triq u xiref lejn in-naha l-ohra tat-triq, ma jfissirx li ghandu jkollu xi responsabbilita` ghall akkadut u jghid li dan ma kienx fattur determinanti ghas sinistru.

Il-Qorti taqbel mal-osservazzjoni tal-appellant li mhux kull infrazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku hija rilevanti biex wiehed jasal ghad determinazzjoni tal-htija ghall-incident (**Micallef St John v. Spiteri**, Qorti tal-Appell 15 ta' Jannar 2002). Dak li huwa rilevanti huwa x' kienet il-kawza prossima tal-incident.

Madankollu l-osservazzjoni tieghu li *"sewwieq ta' karozza li jkun fuq in-naha hazina tat-triq mhux necessarjament ikun responsabbli ghall-kollizzjoni jekk l-agir tieghu ma jkunx ta lok ghall-kollizjoni"* (**Vol XLVII-II- 966 u Vol. XXXVII-IV-1137**) **ma hijiex** ta' principju normalment applikabbli izda pjuttost ta' sitwazzjonijiet insoliti li jistghu jigru imma zgur mhux applikabbli ghall-kaz in ezami. Il-kelma **necessarjament** appuntu dak li tindika.

Il-Qorti jidrilha li anke harsa superficjali lejn l-iskizz jindika car u tond li filwaqt li l-appellat baqa' ghaddej dritt fi triqtu u l-vettura tieghu hija f'posizzjoni dritta dik tal-appellant qeghda f'posizzjoni angolata, bil-*brake marks* li halliet jindikaw b'mod inekwivokabbli li l-appellant kien ghaddej kompletament fuq in-naha hazina tat-triq u x'hin induna li kienet gejja vettura min-naha opposta (izda fuq in-naha tajba taghha tat-triq) ipprova jikser lejn ix-xellug tieghu u kien ghalhekk l-impatt sehh kwazi f'nofs it-triq – izda xorta wahda fuq in-naha tal-appellat.

Huwa minnu li l-appellat ma halla ebda *brake marks* u allura wiehed jista' jargumenta li ma ghamel xejn biex

evita lill-vettura tal-appellant, izda ladarba huwa kien ghaddej fuq in-naha tieghu tat-triq zgur ma setax jistenna li jsib vettura gejja minn faccata tieghu.

Infatti bhala regola generali *"when an accident occurs the motorist who is on the wrong side of the road is usually responsible for the damage sustained by the pedestrian or by one whose vehicle was travelling on the proper side unless the violation of this rule was not the proximate cause of the accident or unless some valid excuse is given for such violation. The reason for this is that one traveling on the wrong side of the road is held to a higher degree of care than if he were following the proper course and a prima facie case of negligence is made out when the violation is proved* **(Gibb, The trial of motor case accident cases, pagna 32**).

Dan ir-ragunament huwa wkoll segwit fis-sentenza fl-ismijiet **Lawrence Caruana v. Anthony Falzon** deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru 2001 fejn il-Qorti qalet li bhala regola f'kaz bhal dan:

*"… … tinholoq prezunzjoni* ***iuris tantum*** *li l-htija ghas-sinistru kellha tkun akkollata fuq il-konvenut li invada t-triq ta' l-attur, salv illi l-istess konvenut jipprova li ma kienx is-sewqan tieghu illi pprovoka s-sinistru jew li kien il-kawza prossima u immedjata tieghu."*

Fil-kaz in ezami ma hemm ebda indikazzjoni li l-appellat kellu xi responsabilita` ghal akkadut. Ma jistax wiehed jistenna, kif donnu qed jaghmel l-appellant, li min ikun qed isuq fuq in-naha tieghu tat-triq ikollu r-responsabilta` jevita l-incident meta haddiehor gejn min-naha opposta jidhol fil-karregjata tieghu.

Ghalhekk ladarba l-Qorti tirritjeni li l-attur appellant huwa unikament responsabbli ghall-incident u se tilqa' l-appell incidentali, ma hemmx lok ta' aktar deliberazzjoni dwar il-kumplament tal-aggravji l-ohra.

**<u>Decizjoni</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mill-appell principali billi tichdu; tilqa’ pero` l-appell incidentali u ghalhekk tirriforma s-sentenza appellata limitatament ghar-responsabilita` ghall-incident tat-traffiku msemmi, billi tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tichad it-talbiet tal-attur billi tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident stess; l-ispejjez kollha tal-kawza u cioe` kemm tal-Prim Istanza u kemm l-ispejjez kollha tal-appell u l-appell incidentali jkunu kollha a karigu tal-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------